

Brussell, 11 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13852/20

ENV 788
COMPET 626
AGRI 471
TRANS 589
MI 560
IND 263
CONSOM 214
ECOFIN 1136
ENER 486
RECH 511
SAN 463
MARE 36
SOC 794
CHIMIE 63
ENT 149

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13503/20
Nru dok. Cion:	6766/20 + ADD 1 - COM(2020) 98 final
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku - Approvazzjoni

1. Fil-11 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva"¹. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa element ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jstabbilixxi qafas komprensiv għal azzjonijiet immirati biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn "mudell ta' tkabbir riġenerattiv" li ser jagħti kontribut sinifikanti biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 u biex it-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul tal-UE u ħadd ma jitħalla lura. Din it-tranżizzjoni hija wkoll parti integrali mill-Istrateġija Industrijali Ewropea² ppreżentata mill-Kummissjoni fl-istess ħin.
2. Il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari jipprevedi madwar 35 punt ta' azzjoni b'qafas ta' politika dwar il-prodotti sostenibbli bħala karatteristika ewlenija li tinkludi inizjattivi dwar id-disinn tal-prodotti, il-proċessi ta' produzzjoni u dwar l-awtonomizzazzjoni tal-konsumaturi u x-xerrejja pubbliċi. Inizjattivi ffukati ser jindirizzaw ktajjen tal-valur tal-prodotti ewlenin bħall-elettronika u l-ICT, il-batteriji, l-imballaġġ, il-plastik, it-tessuti, il-kostruzzjoni u l-bini u l-ikel. Barra minn hekk, hija prevista reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart. It-tisħiħ tal-azzjoni fil-livell internazzjonali/globali huwa wkoll komponent importanti tal-Pjan ta' Azzjoni.
3. Id-diskussjonijiet inizjali dwar il-Pjan ta' Azzjoni saru fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma fir-rebbiegħa. Fit-23 ta' Ġunju 2020, f'vidjokonferenza informali l-Ministri għall-Ambjent kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-kontribut tal-politiki ambjentali u klimatiċi, inkluż l-ekonomija ċirkolari, għall-irkupru mill-COVID-19.
4. F'dak l-isfond, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill intitolat "Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku" b'reazzjoni għall-Pjan ta' Azzjoni sabiex tingħata gwida politika komprensiva dwar il-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet previsti mill-Kummissjoni fid-dokument. L-abbozz ta' konklużjonijiet jenfasizza wkoll ir-rwol tal-ekonomija ċirkolari fl-irkupru mill-COVID-19 u jagħmel rabta mad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jissottolinja l-importanza tagħha għall-kisba tal-potenzjal sħiħ tal-ekonomija ċirkolari.

¹ 6766/20 + ADD 1 - COM(2020) 98 final.

² 6782/20 - COM(2020) 102 final.

5. L-abbozz ta' konklużjonijiet ġie diskuss fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma f'għadd ta' vidjokonferenzi informali li rriżultaw f'appoġġ tassew kbir għall-aħħar abbozz propost mill-Presidenza. Wara dan, dawn ġew maqbula proviżorjament permezz ta' proċedura ta' silenzju informali.
6. Il-qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet ġie ikkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-9 ta' Diċembru 2020.
7. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-konklużjonijiet kif imniżżlin fl-Anness għal din in-nota.

Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku
- Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru "Next Generation EU"¹;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 dwar it-tibdil fil-klima²;

Fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar:

- "Pjaneta Nadif għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima"³;
- "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"⁴;
- "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss"⁵;
- "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva"⁶;
- "Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika: It-Twittija tat-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà Akbar"⁷;
- "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossicità"⁸;

1 EUCO 10/20.

2 EUCO 29/19.

3 15011/18 - COM(2018) 773 final.

4 15051/19 + ADD 1 - COM(2019) 640 final.

5 8136/20 - COM(2020) 456 final.

6 6766/20 + ADD 1 - COM(2020) 98 final.

7 10435/20 - COM(2020) 474 final.

8 11976/20 + ADD 1 - COM(2020) 667 final.

- "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna"⁹;
- "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent"¹⁰;
- "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"¹¹ u "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali"¹²;
- "L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku"¹³ u "Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku"¹⁴;
- "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa"¹⁵ u "Strateġija Ewropea għad-data"¹⁶;

Fil-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-ekonomija ċirkolari u partikolarment dawk tal-25 ta' Ġunju 2018 "It-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari"¹⁷ u dawk tal-4 ta' Ottubru 2019: "Aktar ċirkolarità - Tranżizzjoni lejn soċjetà sostenibbli"¹⁸;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2019 "Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi"¹⁹;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar "Il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti"²⁰;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' [...] dwar "Id-Diġitalizzazzjoni għall-Benefiċċju tal-Ambjent"²¹;

⁹ 8219/20 + ADD 1 - COM(2020) 380 final.
¹⁰ 8280/20 + ADD 1 - COM(2020) 381 final.
¹¹ 6782/20 - COM(2020) 102 final.
¹² 6783/20 - COM(2020) 103 final.
¹³ 6779/20 - COM(2020) 93 final.
¹⁴ 6778/20 - COM(2020) 94 final.
¹⁵ 6237/20 - COM(2020) 67 final.
¹⁶ 6250/20 - COM(2020) 66 final.
¹⁷ 10447/18.
¹⁸ 12791/19.
¹⁹ 10713/19.
²⁰ 12210/20.
²¹ [xxxx/20].

Fir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi: lejn ekonomija ċirkolari; dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn (2009/125/KE) tal-31 ta' Mejju 2018; dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020; dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà tal-10 ta' Lulju 2020;

Fir-Riżoluzzjoni tal-AĠNU dwar "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UNEA-4, li fiha l-komunità globali qablet li tippromwovi xejriet ta' konsum u ta' produzzjoni sostenibbli permezz tal-ekonomija ċirkolari, ir-Riżoluzzjonijiet li ġejjin tal-UNEA: 2/8 dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, 4/1 dwar modi innovattivi kif niksbu konsum u produzzjoni sostenibbli, 4/6 dwar l-iskart tal-plastik u l-mikroplastiki fil-baħar, 4/9 dwar it-tniġġis bi prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, u 2/7 u 4/8 dwar il-ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi u skart;

Fit-Triq lejn l-Irkupru mill-Pandemija tal-COVID-19

1. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-ekonomija u s-soċjetà tagħna jinbnew mill-ġdid b'mod sostenibbli b'konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19; għalhekk JISĦAQ FUQ l-importanza li t-triq it-tajba tinstab mill-bidu nett bil-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-pjan direzzjonali lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima li tkun reżiljenti, kompetittiva u sikura, li tħares, tirrestawra u tuża b'mod sostenibbli l-bijodiversità kif ukoll twassal għal tniġġis żero, fejn it-tkabbir ekonomiku jinfired mill-użu tar-riżorsi u li tqis il-punti tat-tluq u l-ispeċifitàjiet differenti tal-Istati Membri u twassal għal tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;
2. JENFASIZZA s-sinifikat tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (Next Generation EU) u tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) fil-ħolqien tal-impjiegi u t-tiswija tal-ħsara immedjata kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, waqt li jqiegħdu lill-Unjoni sewwasew fuq it-triq lejn irkupru sostenibbli u reżiljenti, jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva, ġusta u soċjalment ibbilanċjata tal-oġġettivi ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jiżguraw il-konsistenza tan-nefqa tal-UE mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" u l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;

3. JAGĦRAF ir-rwol ċentrali li taqdi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fl-ispinta lill-kompetittività, l-innovazzjoni, l-impjiegi u l-benesseri, billi trawwem mudelli ta' negozju u prattiki ta' xiri ċirkolari, intraprenditorija u riċerka, billi ttawwal il-faġi tal-użu tal-prodotti, billi żżid aktar valur u funzjonalità lill-prodotti, bini u assi, billi tipprevjeni l-iskart u l-eżawriment tar-riżorsi u tkompli ttejjeb l-immaniġġjar tal-iskart bl-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, billi tistabbilixxi suq uniku li jiffunzjona tajjeb għal materja prima sekondarja mhux tossika u ta' kwalità għolja u bl-użu ta' data u teknoloġiji diġitali; JISSOTTOLINJA li meta jsir hekk il-ktajjen tal-provvista jistgħu jitqassru u jiġu diversifikati, u d-dipendenzi strateġiċi fuq ir-riżorsi primarji, partikolarment dawk mhux rinnovabbli, jonqsu, u b'hekk jiżiedu l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tal-UE filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa;
4. IFAKKAR li d-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku tagħna mill-użu tar-riżorsi, u l-bidla lejn sistemi ċirkolari ta' produzzjoni u konsum, ser ikunu strumentali għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, għat-treġġiġh lura tat-telf tal-biodiversità, għall-konservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom, għaż-żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi u għall-kisba ta' ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi, biex b'hekk l-impatt tal-użu tar-riżorsi u tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jinżamm fil-limiti planetarji u jippermettilna nerfġu kif mistenni r-responsabbiltà tagħna lejn il-ġenerazzjonijiet futuri u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistinkaw favur ekonomija ċirkolari sħiħa;
5. JILQA' BIS-SĦIĦ il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari (CEAP) bħala pilastru ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li huwa essenzjali biex iwassal għal irkupru ekonomiku u tkabbir sostenibbli;
6. JENFASIZZA l-importanza li s-CEAP il-ġdid ikun iffukat fuq politika għall-prodotti sostenibbli, fuq ktajjen tal-valur ta' prodotti ewlenin u l-prevenzjoni tal-iskart u JAPPREZZA li ħafna mill-azzjonijiet tiegħu jirriflettu l-appelli u r-rakkomandazzjonijiet li saru fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2019 dwar l-ekonomija ċirkolari;

7. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tnedi l-azzjonijiet u tressaq il-proposti leġiżlattivi li jinsabu fis-CEAP malajr kemm jista' jkun skont il-prinċipji maqbula tar-Regolamentazzjoni Aħjar²², b'mod partikolari billi twestaq valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi, u biex tiddedika r-riżorsi meħtieġa biex tiżgura u tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu, inkluż billi tipprovdi fil-waqt id-dokumenti ta' implimentazzjoni u l-gwida meħtieġa kif ukoll billi tirrapporta regolarment lill-Istati Membri dwar il-progress tal-implimentazzjoni; JIRRIKONOXXI li fit-tħejjija ta' miżuri ta' politika u leġiżlattivi ġodda tas-CEAP, għandhom jitqiesu l-isfidi speċjali li jiffaċċjaw il-gżejjer; JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Istati Membri meta jimplimentaw u jikkomplementaw is-CEAP bl-azzjonijiet u bl-investiment tagħhom fil-livell nazzjonali;
8. JAPPELLA GĦALL-koerenza fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki differenti; JIRRIMARKA li meta jiġu ssostanzjati l-azzjonijiet ewlenin stabbiliti fis-CEAP il-ġdid, f'konformità mal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u mal-Ftehim ta' Pariġi, iridu jiġu stabbiliti rabtiet ċari mal-istrateġiji, il-ftehimiet u l-inizjattivi rilevanti eżistenti u futuri, partikolarment iżda mhux esklużivament, skont il-Patt Ekoloġiku; JENFASIZZA li meta jiġu ssostanzjati l-azzjonijiet ewlenin, huwa importanti li l-piżijiet amministrattivi u ekonomiċi jibqgħu proporzjonati;

Nagħmlu Prodotti Sostenibbli n-Norma

(It-Disinn ta' Prodotti Sostenibbli)

9. JILQA' l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni li tressaq proposti leġiżlattivi bħala parti minn qafas ta' politika komprensiv u integrat għall-prodotti sostenibbli li jippromwovi n-newtralità klimatika, l-enerġija u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u ekonomija ċirkolari ħielsa mis-sustanzi tossiċi, li jħares is-saħħa pubblika u l-bijodiversità, li jawtonomizza u jħares lill-konsumaturi u lix-xerrejja pubbliċi;

²² Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

10. JISSOTTOLINJA li l-prinċipji tas-sostenibbiltà tal-prodott fil-Qafas ta' Politika għall-Prodotti Sostenibbli jridu jkunu msejsa fuq approċċ ta' ċiklu tal-ħajja li jnaqqas l-impatti ambjentali, jimmassimizza ż-żamma tal-valur, jipprijoritizza prodotti li jservu aktar u jżomm il-materjali fiċ-ċiklu ekonomiku għall-itwal żmien possibbli (erġa' aħsibha, iċċad, erġa' uża, naqqas, sewwi, erġa' fassal u rriċikla), waqt li jitqiesu l-aspetti soċjali; f'dan il-kuntest JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti biex jiġi żgurat li d-disinn tal-prodotti li għandhom jitqiegħdu fis-suq Ewropew jgħaqqad dawn il-prinċipji ta' ċirkolarità mal-prinċipju ta' sustanzi kimiċi sikuri u mfassla għas-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika filwaqt li jiġu żgurati l-kwalità, il-prestazzjoni u s-sikurezza tal-prodott tagħhom; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, metodi ta' verifika rilevanti għall-kontenut riċiklat fil-prodotti u biex tindirizza, fejn xieraq, il-kontenut riċiklat obligatorju għal gruppi ta' prodotti speċifiċi;
11. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tindirizza l-"konsum żejjed" u t-tnaqqis ta' ċerti prodotti li jintużaw darba biss abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt u biex tindirizza wkoll l-obsoluxxenza prematura speċjalment tal-apparat elettroniku u tal-elettriku, inkluż is-software; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi projbizzjoni fuq il-qerda ta' oġġetti mhux mibjugħa imma li għadhom tajbin, dment li ma jkunx hemm raġunijiet validi;
12. JILQA' BIS-SĦIĦ l-impenn tal-Kummissjoni li timminimizza, u tissostitwixxi kemm jista' jkun, il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti; JAPPOĠĠA t-titjib taċ-ċirkolarità f'ambjent mingħajr sustanzi tossiċi; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issaħħaħ is-sikurezza u s-sostenibbiltà fid-disinn bħala prinċipju, li għandu jwassal ukoll għal aktar innovazzjoni u ġestjoni għaqlija tas-sustanzi kimiċi u l-iskart; JENFASIZZA l-importanza tas-sigurtà tal-prodotti inkluż billi jiġu evitati sustanzi ta' tħassib fil-prodotti, partikolarment għall-użu mhux essenzjali, u billi jiġi żgurat l-aċċess faċli għall-informazzjoni dwar il-kontenut tas-sustanzi kimiċi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott, inkluż għall-operaturi tal-iskart u, fuq talba, għall-konsumaturi;

13. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva ewlenija biex twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn biex tagħmel il-qafas tagħha applikabbli għal firxa usa' ta' prodotti; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kriterji ġodda li jkollhom l-għan li jiżguraw b'mod partikolari l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-materjal u ċikli tal-materjal mingħajr sustanzi tossiċi filwaqt li jkomplu jimxu lejn progress marbut mal-effiċjenza enerġetika u jqisu l-partikularitajiet speċifiċi għall-prodott u jiżguraw is-sikurezza tal-prodott; JISĦAQ li dawn il-kriterji jridu jkunu speċifiċi u verifikabbli;
14. JISSOTTOLINJA li l-proċess għall-istabbiliment tal-kriterji tal-Ekodisinn jeħtieġ li jieħu kont sħiħ tal-iżviluppi tal-prodotti u tas-suq u għaldaqstant jenħtieġ li jsir aktar effiċjenti, billi jiġu evitati d-dewmien żejjed u l-piżijiet amministrattivi; IHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni biex tħaffef il-proċess u fi tliet snin tiffinalizza kull grupp ta' prodott;
15. JINNOTA li l-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEF) għandha l-potenzjal li tkun waħda mill-metodoloġiji sottostanti għal diversi għodod ta' politika tal-prodotti fl-UE u l-qafas għall-prodotti sostenibbli, b'kont meħud ukoll ta' teknoloġiji xierqa oħra;
16. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex teżamina l-potenzjal ta' mudelli ta' negozju ġodda li jistgħu jottimizzaw l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti u s-servizzi tul il-katina kollha tal-valur bħall-kondiviżjoni, il-kiri, il-manifattura mill-ġdid tal-prodotti, il-provvista tagħhom bħala servizz jew oġġetti użati, u mudelli fejn is-sjieda tibqa' tal-produtturi u mudelli ta' appoġġ filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol ewlieni tal-SMEs u tal-konsumaturi f'dawn il-mudelli ta' negozju ġodda; JENFASIZZA l-potenzjal ekonomiku u tal-ħolqien tal-impjiegi tas-settur tat-tiswija fl-Ewropa;

(L-Awtonomizzazzjoni tal-Konsumaturi u tax-Xerrejja Pubbliċi)

17. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni komprensiva, verifikabbli, standardizzata u aċċessibbli faċilment dwar is-sostenibbiltà tal-prodott (pereżempju f'formati diġitali) li tipprevjeni l-greenwashing u li tirrispetta s-sigrieti kummerċjali u l-proprjetà intellettuali; għalhekk JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' informazzjoni ambjentali għall-prodotti, inkluż il-possibbiltà tat-tiswija tagħhom, u tistudja l-fattibbiltà li tiġi introdotta tikketta ambjentali regolatorja;

18. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi d-"dritt għat-tiswija", li jenħtieġ li jippermetti lill-konsumaturi jsewwu l-prodotti tagħhom għal spiża raġonevoli; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' drittijiet aktar b'saħħithom għall-konsumaturi biex tiġi stimolata d-durabbiltà tal-prodotti; JISSOTTOLINJA li kwalunkwe rekwiżit ġdid għad-durabbiltà jenħtieġ li jibni fuq dawk diġà stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE, il-Pakkett tal-Ekodisinn u tat-Tikkettar tal-Enerġija (bħad-disponibbiltà ta' partijiet ta' rikambju, informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, iż-żarmar b'għodod disponibbli tas-soltu, fost oħrajn), waqt li jwessagħhom għal kategoriji rilevanti ta' prodotti u tiżdied l-ambizzjoni tagħhom;
19. JAPPREZZA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżgura li l-pretensjonijiet ambjentali jiġu ssostanzjati abbażi tal-impatti ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, billi tuża l-Impronta Ambjentali tal-Prodott u metodi oħra msejsa fuq iċ-ċiklu tal-ħajja; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, f'dan il-kuntest, tqis ukoll strumenti eżistenti bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali u d-Dikjarazzjonijiet Ambjentali dwar il-Prodotti fir-rigward tal-informazzjoni minn negozju għal negozju, waqt li tagħti prijorità lil ċerti ekotikketti stabbiliti Ewropej u nazzjonali tat-tip I li jkunu ppruvati u ta' reputazzjoni tajba;
20. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissottolinja l-importanza tal-akkwist pubbliku ta' prodotti u servizzi ċirkolari biex tingħata spinta lis-swieq u l-investment ċirkolari u JAPPOĠĠA, sa fejn ikun xieraq u fattibbli, il-kriterji obbligatorji tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE) ibbażati fuq l-analiżi tal-impatt u tal-miri taċ-ċiklu tal-ħajja u JISĦAQ fuq il-ħtieġa tar-rappurtar u l-monitoraġġ għall-evalwazzjoni tal-eżiti tal-politiki tal-APE filwaqt li jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' taħriġ rilevanti;

(Iċ-Ċirkolarità fil-Proċessi tal-Produzzjoni)

21. IFAKKAR li l-ekonomija ċirkolari hija strumentali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija Industrijali tal-UE; għalhekk, JILQA' l-azzjonijiet inklużi fl-Istrateġija, l-integrazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari madwar l-industriji kollha tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-kompetittività tal-industriji tal-UE tibbenefika miċ-ċirkolarità miżjuda;

22. JILQA' l-aħbar mill-Kummissjoni li ser tivvaluta l-għażliet għal aktar promozzjoni ta' ċirkolarità fil-proċessi industrijali fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali²³ u d-dokumenti ta' referenza tal-Aqwa Tekniki Disponibbli waqt li tiċċara l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart; JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fit-tiżni tal-Iskema ta' Verifika tat-Teknoloġija Ambjentali tal-UE u żżid il-viżibbiltà tagħha;
23. JILQA' l-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bijoeconomija²⁴ u l-attenzjoni speċjali li tagħti biex tinkorpora l-ekonomija ċirkolari fis-setturi kollha li jużaw bijomaterjali u JAGĦRAF li bijoeconomija ċirkolari tista' tappoġġa l-iżvilupp ta' prodotti ġodda ta' valur għoli magħmul minn skart industrijali xieraq jew mill-kontribut ta' prodotti sekondarji; JIRRIMARKA li biex jaqdu rwol sostanzjali fil-futur il-bijoproducti u l-bijomaterjali, bħal kwalunkwe prodott ieħor, għandhom ikunu sikuri għall-ambjent u ma jridux jikkompromettu l-flussi tar-riċiklaġġ tal-iskart jew il-miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu applikati metodoloġiji ta' ċiklu sħiħ tal-ħajja sabiex jiġi ddeterminat l-impatt ambjentali u tal-konsum tal-enerġija tagħhom;
24. JAPPELLA għal investiment fil-kapaċità Ewropea għall-applikazzjoni ta' sistemi ċirkolari u dawk b'ċiklu magħluq, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għall-ipproċessar ta' materjali intensivi fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi u għal materja prima kritika u għall-iżvilupp tat-teknoloġiji sostenibbli meħtieġa assoċjati magħhom;

Approċċi Strateġiċi għall-Ktajjen tal-Valur Ewlenin

(Aspetti Ġenerali)

25. JAPPROVA l-fatt li s-CEAP jiffoka fuq is-seba' ktajjen tal-valur b'impatt kbir proposti billi dawn jagħmlu proporzjon importanti tal-ekonomija, tal-impjiegi, tal-impatt ambjentali u tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tal-UE; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-qafas ta' politika għall-prodotti sostenibbli billi tindirizza l-ktajjen tal-valur ewlenin permezz ta' strateġiji sistemiċi bbażati fuq is-settur filwaqt li JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk l-istrateġiji u jiġu indirizzati wkoll l-impatti soċjali;

²³ Direttiva 2010/75/UE.

²⁴ 13229/18 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2018) 673 final.

26. JAPPOĠĠA l-pjan tal-Kummissjoni li tippreżenta Inizjattiva għall-Elettronika Ċirkolari sabiex tindirizza l-impatt ambjentali tal-apparat elettroniku u tal-elettriku tal-konsumaturi u tiġġieled l-obsoluxxenza prematura, partikolarment billi ttawwallu l-ħajja bir-reqwiziti tal-ekodisinn, tiffaċilita t-titjib fil-kwalità u l-attivitajiet ta' tiswija, tiżgura l-aċċessibilità tal-partijiet ta' rikambju, tindirizza dan il-fluss dejjem akbar ta' skart, u tiżgura li l-komponenti u l-materja prima ta' siwi, b'mod partikolari l-materja prima kritika, jerġgħu jinġabru u jintużaw fl-Unjoni Ewropea, waqt li fl-istess ħin tmexxi l-innovazzjoni u l-kapaċitajiet teknoloġiċi u tistabbilixxi reqwiziti minimi għall-effiċjenza enerġetika; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-kuntest li tipproponi l-introduzzjoni ta' ċarġer komuni;
27. JAPPOĠĠA l-pjan tal-Kummissjoni li tirrieżamina d-Direttiva RoHS²⁵ sabiex tivvaluta l-effettività u l-effiċjenza tagħha, kif ukoll il-koerenza ma' leġiżlazzjoni oħra b'mod partikolari fil-kamp ta' applikazzjoni, id-definizzjonijiet, ir-reqwiziti, l-eżenzjonijiet u d-dati ta' applikazzjoni skont ir-Regolament REACH²⁶, id-Direttiva WEEE²⁷, ir-Regolament dwar il-POPs²⁸, u d-Direttiva dwar l-Ekodisinn²⁹ sabiex tissolidifika u ssaħħaħ il-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi u tissimplifika l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

²⁵ Direttiva 2011/65/UE (emendata bid-Direttiva 2017/2102/UE).

²⁶ Regolament 1907/2006/KE.

²⁷ Direttiva 2012/19/UE.

²⁸ Regolament 2019/1021/UE.

²⁹ Direttiva 2009/125/KE.

28. JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fl-inizjattivi kollha li jinkoraġġixxu l-prevenzjoni tal-iskart minn apparat elettroniku u tal-elettriku (WEEE) u l-ġbir separat tal-WEE, speċjalment skart ta' valur għoli minn apparat elettroniku, biex tittejjeb it-tnejjija għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ; JISSOTTOLINJA li l-azzjoni dwar il-promozzjoni ta' miżuri bħal dawn jenħtieġ li tqis l-aspetti ta' sussidjarjetà u sistemi nazzjonali li diġà jeżistu u jenħtieġ li timmassimizza l-valur u l-funzjonalità li jkun fadal fl-apparat elettroniku, sa fejn ikun teknikament possibbli u ekonomikament raġonevoli; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-prevenzjoni tal-vjeġġ illegali ta' apparat elettroniku u tal-elettriku użat li ma jkunx għadu tajjeb għall-użu mill-ġdid, sabiex jiġi evitat l-impatt negattiv fuq is-saħħa u l-ambjent u biex materja prima kritika tinżamm ġewwa l-UE;
29. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex waqt li tibni, fost oħrajn, fuq ir-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, tipproponi sistema ta' punteġġi għall-possibbiltà ta' tiswija ta' prodotti elettroniċi u tal-elettriku bil-ħsieb li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-livell tat-tiswija li tista' ssir fuq dawn il-prodotti;

(Il-Batteriji u l-Vetturi)

30. JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni għal qafas regolatorju ġdid għall-batteriji³⁰ li għandha l-għan li tiżgura katina tal-valur sikura, ċirkolari u sostenibbli għall-batteriji kollha u li ser tintroduċi miżuri għaż-żamma tal-valur u l-ottimizzazzjoni mid-disinn u l-produzzjoni permezz tal-użu u tal-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ u li tinċentiva, fejn xieraq, l-użu ta' batteriji rikarikabbli;
31. JAPPOĠĠA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi reviżjoni tad-Direttiva dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw³¹, bil-ħsieb li tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, permezz – fost l-oħrajn – ta' dispożizzjonijiet dwar id-disinn sostenibbli u l-oġhla grad possibbli ta' tiswija kif ukoll infurzar aħjar sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' vetturi "nieqsa" u l-esportazzjoni illegali ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw;

³⁰ 13944/20 + ADD 1 - COM(2020) 798 final.

³¹ Direttiva 2000/53/KE.

(L-Imballaġġ)

32. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi reviżjoni tad-Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ³² bil-ħsieb li tiżgura li l-imballaġġ kollu jkun jista' jerġa' jintuża jew ikun riċiklabbli b'mod ekonomikament fattibbli sal-2030, waqt li jitnaqqas l-imballaġġ u l-imballaġġ żejjed, u b'hekk l-iskart mill-imballaġġ; fl-istess ħin JINNOTA li għandhom jiġu rispettati l-istandards tal-iġjene u s-sikurezza tal-ikel; JINNOTA li d-Direttiva ġiet riveduta fl-2018 u l-Istati Membri jeħtieġu żmien biżżejjed għall-implimentazzjoni tagħha; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tinkludi, fejn xieraq, dispożizzjonijiet marbuta mal-materjali riċiklati fl-imballaġġ li jixbhu l-approċċ użat għall-fliexken tal-plastik fid-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss³³;
33. JISSOTTOLINJA li sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ jenħtieġ li taġġorna u tistabbilixxi dispożizzjonijiet aktar konkreti, effettivi u faċli li jiġu implimentati sabiex jitrawwem l-imballaġġ sostenibbli fis-suq intern u tiġi mminimizzata l-kumplessità tal-imballaġġ sabiex jitrawmu soluzzjonijiet ekonomikament fattibbli u jitjieb l-użu mill-ġdid u r-riċiklabbiltà kif ukoll jiġu mminimizzati s-sustanzi ta' tħassib fil-materjal tal-imballaġġ, speċjalment bil-ħsieb tal-materjali tal-imballaġġ tal-ikel; JISSOTTOLINJA li l-bejgħ bl-ingrossa jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ; JENFASSA wkoll li l-aċċess pubbliku għall-funtani tal-ilma tax-xorb u għal ilma tal-vit tajjeb għax-xorb jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu miżuri bħal dawn; JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' tikkettar fuq l-imballaġġ b'mod li jinftiehem faċilment biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar ir-riċiklabbiltà tiegħu u fejn l-iskart minnu għandu jiġi skartat biex jiffaċilita r-riċiklaġġ;
34. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi regoli għar-riċiklaġġ sikur tal-materjali kollha tal-plastik f'materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel; JITLOB lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi skeda ta' żmien biex jingħataw awtorizzazzjonijiet għal proċessi mekkaniċi għall-polietilentereftalat (PET) u biex tiżviluppa regoli għall-plastik li ma jkunx PET b'kooperazzjoni mill-qrib mal-manifatturi kkonċernati;

³² Direttiva 94/62/KE.

³³ Direttiva 2019/904/UE.

35. JAPPOĠĠA l-objettivi tal-Kummissjoni stipulati fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Plastik³⁴ u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timplimenta l-azzjonijiet previsti fiha u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħha u l-impatti tagħha fuq l-ambjent, bħall-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u t-tagħlimiet meħuda li jistgħu jinfluwenzaw il-politika futura;
36. IFAKKAR fl-importanza tat-tnaqqis tal-konsum ta' oġġetti li jintużaw darba biss, meta din tkun l-aħjar soluzzjoni ambjentali, ta' interpretazzjoni armonizzata tal-prodotti koperti mid-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss, tat-tikkettar tal-prodotti u tal-iżvilupp ta' metodi standardizzati għall-kejl tal-kontenut riċiklat fil-prodotti, preferibbilment abbażi ta' metodi ta' verifika armonizzati; JENFASIZZA f'dan il-kuntest il-benefiċċji possibbli għar-responsabbiltà estiva tal-produtturi (EPR);
37. JINNOTA li d-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss diġà hija punt tat-tluq tajjeb għal kwota waħda dwar il-kontenut riċiklat għall-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss; JISĦAQ li huwa importanti għall-Istati Membri li jsaħħu l-ġbir, l-għażla u r-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik u l-infrastruttura strateġika għal riċiklaġġ ta' kwalità għolja u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipproponi, mingħajr dewmien, aktar miżuri biex trawwem żieda fid-domanda għal materjal riċiklat, tillimita l-esportazzjoni tal-iskart tal-plastik barra l-UE u biex tagħlaq iċ-ċikli ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-plastik, pereżempju billi trawwem skemi ta' depożitu u ritorn jew EPR u tistabbilixxi rekwiżiti minimi tal-UE għall-kontenut riċiklat fi prodotti tal-plastik;
38. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw proġetti pilota u t-titjib ta' teknoloġiji innovattivi emerġenti bħar-riċiklaġġ mekkaniku jew kimiku avanzat tal-plastik, filwaqt li jiżguraw li dawn inaqqsu l-impatti ambjentali ġenerali mill-perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja; JISTIENEN lill-Kummissjoni tesplora l-potenzjal tar-riċiklaġġ kimiku biex dan isir mod sostenibbli ta' riċiklaġġ tal-plastik u tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li skont dawn għandu jitqies bħala għażla ta' riċiklaġġ tal-iskart kif definit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart³⁵;

³⁴ 5477/18 + ADD 1 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2018) 28 final.

³⁵ Direttiva 2008/98/KE (emendata l-aħħar bid-Direttiva 2018/851/UE).

39. JISSOTTOLINJA li kwalunkwe applikazzjoni potenzjali ta' plastik b'bażi bijoloġika, "bijodegradabbli" jew "kompostabbli" jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-impatti fuq l-ambjent b'kont sħiħ meħud tar-rwol ta' materjali rinnovabbli fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fil-konservazzjoni tal-bijodiversità u fis-sigurtà tal-ikel; għaldaqstant JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa qafas ta' politika ċar għall-plastik b'bażi bijoloġika, "bijodegradabbli" jew "kompostabbli" biex il-konsumaturi ma jiġux żvijati, u biex jitnaqqsu r-rimi bl-addoċċ tal-plastik u t-tniġġis bla ħsieb, biex jiġi żgurat trattament adegwat u biex ir-riċiklaġġ ta' tipi oħra ta' skart tal-plastik ma jiddgħajjifx;
40. JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fil-limitazzjoni mill-aktar fis ta' mikroplastiki miżjuda intenzjonalment u tindirizza t-tniġġis mill-gerbub tal-plastik, sabiex tħares kemm l-ambjent kif ukoll is-saħħa tal-bniedem, u fl-iżvilupp u l-armonizzazzjoni ulterjuri ta' metodi għall-kejl ta' mikroplastiki rilaxxati bla ħsieb minn prodotti bħal tessuti, tajers, żebgħa u kisi, bil-ħsieb li jittieħdu aktar miżuri biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn dawn is-sorsi, u JISSUĠĠERIXXI li tkompli l-ħidma li qed issir fl-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina³⁶;
41. JAPPOĠĠA l-isforzi kollha biex timtela l-lakuna fl-għarfien xjentifiku dwar il-mikroplastiki fl-ambjent, inkluż fuq l-art u fl-arja, fl-ilma tax-xorb, bil-bijota u fl-ikel, is-sorsi tagħhom u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem;
42. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-impenji tagħha dwar il-mikroplastiki inkluż miżuri preventivi biex jitnaqqsu l-mikroplastiki mill-ambjent; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-miżuri preventivi jittieħdu tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu, bħall-manifattura ta' prodotti b'mod li jipprevjeni l-emissjonijiet ta' mikroplastiki jew bħal magni tal-ħasil mgħammra b'filtri;

³⁶ Direttiva 2008/56/KE.

43. JILQA' t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar strateġija komprensiva tal-UE dwar it-tessuti u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-istrateġija b'mod konformi mat-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet diġà espressi mill-Kunsill³⁷ fost l-oħrajn permezz tal-ekodisinn u ta' miżuri ta' informazzjoni lill-konsumaturi (sistema ta' tikkettar) u, jekk xieraq, skemi ta' EPR, u timminimizza u tneħħi gradwalment sustanzi ta' tħassib, waqt li tqis iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-ħajt, drapp u tessuti inkluż il-kontribut tagħhom għall-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, l-impatt fuq l-ambjent u s-saħħa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis leġiżlazzjoni speċifika għas-settur; JAPPOĠĠA l-inklużjoni ta' proposta li tipprojbixxi l-qerda ta' oġġetti durabbli mhux mibjugħa fl-Istrateġija tal-UE għat-tessuti li jmiss; JINNOTA li l-Istrateġija jeħtieġ li ma tinkludix biss rekwiżiti ġodda għall-produtturi tal-UE iżda wkoll għodda biex jistimolaw il-bidla fl-imġiba tal-konsumaturi, teknoloġiji sostenibbli ta' riċiklaġġ u d-domanda għal tessuti riċiklati, peress li mill-2025 'il quddiem, l-Istati Membri huma obbligati jintroduċu l-ġbir separat obligatorju tal-iskart mit-tessuti; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tanalizza l-impatt ambjentali tal-"moda mġħaġġla";
44. JENFASIZZA l-impatt partikolari tal-kriżi tal-COVID-19 fuq dan is-settur globalment u l-ħtieġa ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati, fosthom il-konsumaturi u n-networks soċjali għat-tiswija, sabiex jiġi rriġenerat f'konformità ma' mudelli ta' negozju aktar sostenibbli, ċirkolari u kompetittivi, bil-ħolqien tal-valur, tal-impjiegi u tal-ktajjen tal-valur reżiljenti, tajbin għall-ambjent u soċjalment ġusti, inkluż it-tneħħija gradwali ta' sustanzi ta' tħassib miċ-ċikli tal-materjali, fl-Ewropa u lil hinn minnha;
45. JINNOTA li l-proċess ta' rkupru fir-rispons għall-kriżi tal-COVID-19 jagħti opportunità biex jiżdied l-investiment f'soluzzjonijiet u f'mudelli ta' negozju sostenibbli, fosthom il-produzzjoni ta' ħajt b'bażi bijoloġika jew ta' skart, inkluż is-suf, il-ġbir separat u l-faċilitajiet għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid li jkunu effiċjenti, ir-riċiklaġġ ta' lbies għal ilbies, teknoloġiji ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja u faċilitajiet għall-ħolqien tal-valur minn flussi sussegwenti ta' skart, kif ukoll f'soluzzjonijiet sostenibbli ta' disinn innovattiv bħat-"tessuti intelliġenti";

³⁷ 12791/19 - Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2019: "Aktar ċirkolarità - Tranżizzjoni lejn soċjetà sostenibbli".

46. ITENNI li s-settur tal-kostruzzjoni u tal-bini huwa intensiv ħafna fil-materjal, fl-enerġija u fil-gassijiet b'effett ta' serra, u jeħtieġ li jkun hemm prinċipji integrati ta' sostenibbiltà u ċirkolarità tul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja; għalhekk, JILQA' l-approċċ komprensiv tal-Kummissjoni għall-ambjent mibni fid-dawl tal-emissjonijiet sinifikanti inkorporati u operazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra li jirriżultaw mix-xogħol ta' kostruzzjoni (bini, infrastruttura u assi mibnija), u l-impatt ambjentali tagħhom, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u JINNOTA li dan jinvolvi rekwiżiti u kontributi possibbli tal-industrija tal-manifattura tal-prodotti tal-kostruzzjoni, kif ukoll l-industrija tal-kostruzzjoni u tal-immobbli, għal Ewropa newtrali għall-klima, tajba għall-bijodiversità, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi u ċirkolari; JISSUĠĠERIXXI li jitqiesu l-aspetti soċjali tal-ekoloġizzazzjoni tas-setturi tal-kostruzzjoni u tal-bini; IFAKKAR fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltajiet tal-użu tal-iskemi tal-EPR fl-istimolu ta' mudelli ta' negozju ċirkolari fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-bini; JISĦAQ fuq l-importanza ta' taħriġ u titjib tal-ħiliet xierqa għall-impjiegi kollha relatati mal-kostruzzjoni sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi;
47. JILQA' l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa"³⁸ waqt li JIRRIMARKA li mewġa ta' rinnovazzjoni bħal din għandha potenzjal sinifikanti li żżid s-sostenibbiltà tal-ambjent mibni billi tnaqqas il-konsum tar-riżorsi u l-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra matul l-operazzjoni tal-bini (rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija) u li huma inkorporati fil-bini, billi tuża r-riżorsi integrati u l-enerġija meħtieġa għal żmien itwal bħala kontribut għal ċikli ta' materjali aktar bil-mod, anke bl-użu mill-ġdid ta' elementi u prodotti tal-kostruzzjoni, bl-użu ta' bijoprodotti, bijomaterjali u materja prima sekondarja, bit-tnaqqis ta' sustanzi ta' tħassib fil-materjali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, bil-preservazzjoni tal-wirt kulturali u l-istrutturi urbani u billi tissalvagwarda jew toħloq impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet; JINDIKA l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti bħall-passaporti diġitali tal-bini u d-Dikjarazzjonijiet Ambjentali dwar il-Prodotti; JINNOTA li xogħlijiet ta' rinnovazzjoni jeħtieġ li jitwettqu fuq l-oġhla standards ta' prestazzjoni sabiex jikkontribwixxu għal Ewropa newtrali għall-klima u jevitaw l-effetti, għal għexieren ta' snin, ta' sistemi reżistenti għall-bidla rigward l-enerġija u s-CO₂;

³⁸ 11855/20 + ADD 1 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 662 final.

48. JENFASIZZA l-importanza li tiġi indirizzata l-prestazzjoni ta' sostenibbiltà tal-prodotti kollha tal-kostruzzjoni fosthom il-materja prima sekondarja kif ukoll il-bini, l-infrastruttura u assi mibnija oħra flimkien mat-twettiq tar-rekwiżiti tekniċi, funzjonali, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi, soċjali, ambjentali u dawk tas-saħħa; JENFASIZZA li valutazzjoni tal-impatti ambjentali u tal-użu tar-riżorsi marbuta maċ-ċiklu tal-ħajja, kif ukoll il-valutazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għall-binjiet, l-ibliet, ir-regġuni u l-istokk ta' bini nazzjonali jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp għal stokk ta' bini fl-Ewropa li jkun ċirkolari, tajjeb għall-bijodiversità u newtrali għall-klima bħala parti mill-proċess biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-UE; JINNOTA li l-qafas Level(s) tal-UE joffri pjattaforma għall-valutazzjoni u t-tqabbil taċ-ċiklu tal-ħajja³⁹; IFAKKAR li d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tobbliga lill-Kummissjoni tqis il-miri għar-riċiklaġġ tal-iskart mill-kostruzzjoni u d-demolizzjoni;
49. JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni li tippromwovi inizjattivi għat-tnaqqis tal-issiġillar tal-ħamrija u għar-riabilitazzjoni ta' artijiet mitluqa u żżid l-użu sikur, sostenibbli u ċirkolari tal-ħamrija mħammla, waqt li jirrikonoxxi li ċ-ċirkolarità tista' tnaqqas l-impronta tal-konsum tal-art u tikkontribwixxi għar-restawr tal-ekosistema; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ il-leġiżlazzjoni attwali, speċjalment Natura 2000⁴⁰, bil-għan li jiġu evitati effetti negattivi fuq il-bijodiversità minn kostruzzjonijiet ġodda;
50. JISSOTTOLINJA li bħala bażi għall-kostruzzjoni jew r-rinnovazzjoni ta' binjiet skont il-prinċipji ta' sostenibbiltà u ċirkolarità, id-disponibbiltà ta' prodotti tal-kostruzzjoni sikuri, ta' kwalità għolja u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija, li għalihom hija disponibbli informazzjoni teknika, klimatika, ambjentali u tas-saħħa dwar il-prodott tal-kostruzzjoni, għandha tkun prerekwiżit u JENFASIZZA li, sa fejn ikun possibbli, għall-manifattura tagħhom jenħteġ li tintuża materja prima sekondarja ta' kwalità tajba u ċċertifikata, jew bijoprodotti u bijomaterjali prodotti sostenibbilment;

³⁹ https://ec.europa.eu/environment/topics/circular-economy/levels_en.

⁴⁰ Skont id-Direttivi 92/43/KEE (Habitats) u 2009/147/KE (Għasafar).

(L-ikel, l-Ilma u n-Nutrijenti)

51. JIRRIMARKA li kwalunkwe inizjattiva ġdida għas-sostituzzjoni b'mod tekniku u ekonomikament fattibbli ta' prodotti li jintużaw darba biss fis-settur tal-ikel jenħtieġ li tkun marbuta mill-qrib mal-evalwazzjoni tal-miżuri fis-seħħ għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss u għat-tnejn tal-inizjattiva ta' politika għal prodotti sostenibbli;
52. JIRRIMARKA li l-ilma huwa riżorsa b'valur dejjem jikber u JFAKKAR li materjali siewja jistgħu jinkisbu mill-proċess tat-trattament tal-ilma mormi u mill-ħama tad-drenaġġ u li l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-agrikoltura u f'setturi oħra, bħal fi proċessi industrijali, jista' jikkontribwixxi għal użu effiċjenti tal-ilma; JENFASIZZA li l-użu mill-ġdid tal-ilma urban mormi trattat għall-finijiet ta' irrigazzjoni jista', f'xi każijiet, ikollu impatt ambjentali inqas mill-isfruttament ta' sorsi naturali tal-ilma; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta pjan ta' azzjoni integrat għall-ġestjoni tan-nutrijenti u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li mill-aktar fis possibbli tqis ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar it-trattament tal-ilma mormi⁴¹ u tal-ħama tad-drenagg⁴² sabiex iżżid il-kontribut tagħhom għall-ekonomija ċirkolari filwaqt li jiġi żgurati l-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, inkluż bit-tneħħija gradwali ta' sustanzi ta' tħassib miċ-ċikli tal-materjali, anke f'koerenza mar-Regolament dwar il-Fertilizzanti⁴³;

II-Prevenzjoni tal-Iskart, il-Ħolqien ta' Opportunitajiet

(Prevenzjoni, Preparazzjoni għal Użu mill-ġdid, Riċiklaġġ u Rkupru ieħor)

53. JILQA' l-attenzjoni speċjali fuq il-prevenzjoni tal-iskart fis-CEAP u JISSOTTOLINJA li ħafna mis-soluzzjonijiet huma marbuta ma' politika tal-prodott effettiva li teħtieġ li tissarraf f'azzjonijiet konkreti li jippromwovu l-prevenzjoni tal-iskart bħall-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti;

⁴¹ Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE.

⁴² Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE.

⁴³ Regolament 2019/1009/UE.

54. JENFASIZZA li r-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart stabbiliet ambizzjoni għolja, u JINNOTA li l-kisba tagħha tista' tiġi ffaċilitata mill-investimenti li ngħataw spinta bin-Next Generation EU u l-QFP u strumenti finanzjarji oħra; JINNOTA l-isfidi li fadal għall-implimentazzjoni u l-ħtieġa għall-applikazzjoni tal-aħjar prattiki fl-użu ta' strumenti bħall-EPR; f'dan il-kuntest JENFASIZZA r-rwol tal-EPR fil-kisba tal-miri relatati mal-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart kif ukoll it-trawwim tal-ekonomija ċirkolari; JAPPELLA lill-Istati Membri biex isaħħu l-implimentazzjoni tal-iskemi eżistenti tal-EPR u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltà li testendi l-EPR, fejn xieraq, għal aktar gruppi ta' prodotti;
55. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni teżamina l-istabbiliment ta' sett ta' ambizzjonijiet u għanijiet verifikabbli għat-tnaqqis tal-iskart għall-aktar flussi tal-iskart li jħallu impatt; filwaqt li JISSOTTOLINJA li kwalunkwe proposta ġdida jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt komprensiva u filwaqt li JIRRIKONOXXI li miri ambizzjużi ta' riċiklaġġ għall-iskart municijali u l-imballaġġ u l-plastik li jintrema wara l-użu ġew approvati fl-2018 u l-2019 u issa jinsabu fil-proċess li jiġu implimentati fl-Istati Membri; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tindirizza d-diversi reviżjonijiet li ġejjin tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart billi tiġbor flimkien inizjattivi relatati; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jissaħħu s-sistemi ta' tiswija u ta' użu mill-ġdid fl-UE u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tintensifika d-diskussjoni fl-UE kollha dwar sistemi ta' tiswija u ta' użu mill-ġdid għal ċerti prodotti;
56. JAPPOĠĠA t-tisħiħ tas-sistemi ta' ġbir separat u sistemi ta' għażla selettiva fl-UE li jiżguraw ċarezza u konvenjenza liċ-ċittadini tal-UE, waqt li jippermettu mhux biss li jintlaħqu l-għanijiet li żdiedu għar-riċiklaġġ iżda wkoll it-tiġib tal-kwalità, il-kosteffettività u l-effikaċja fl-użu tar-riżorsi tal-materja prima sekondarja, għalkemm, JISSOTTOLINJA li kwalunkwe simplifikazzjoni tas-sistemi għall-ġbir separat fil-livell tal-UE jeħtieġ li tirrispetta l-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri u l-prinċipju ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u tibni fuq l-aħjar prattiki; JIRRIMARKA l-ħtieġa li jiġu żviluppati tekniki ta' ġbir separat, separazzjoni innovattiva u riċiklaġġ u jissaħħu l-kapaċitàjiet sabiex jiġi żgurat trattament xieraq tal-iskart li jinġabar separatament fl-UE;

57. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' titjib fl-immaniġġar tal-iskart u fis-sistemi ċirkolari tal-iskart konsistenti mal-ġerarkija tal-iskart, u għaldaqstant JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tneħħija gradwali ta' sustanzi ta' tħassib, u b'hekk JAPPOĠĠA ċirkolarità akbar ta' materja prima sekondarja mhux tossika f'ambjent ħieles minn sustanzi tossiċi; għalhekk JILQA' l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità"⁴⁴;
58. JIRRIMARKA l-ħtieġa ta' aktar investimenti fl-innovazzjoni u fl-infrastruttura rigward teknoloġiji u kapaċitajiet għat-tnejjija għal użu mill-ġdid, għal separazzjoni u għal riċiklaġġ ta' kwalità għolja fl-Ewropa, filwaqt li jinnota l-ħtieġa li tinbena u titħaddem infrastruttura rilevanti, inkluż, f'ċerti każijiet, għal irkupru ieħor filwaqt li tiġi rrispettata l-ġerarkija tal-iskart u b'mod li jimminimizza l-impatti dannużi lill-ambjent u l-klima, u jekk ikun meħtieġ jingħata appoġġ lill-SMEs f'dan is-settur; ikompli JENFASIZZA li t-titjib u t-twessigħ tal-kapaċità għar-riċiklaġġ u l-promozzjoni ta' "riċiklat fl-Ewropa" jistgħu jkunu modi effikaċi biex titnaqqas l-esportazzjoni tal-iskart;

(It-Tisħiħ tas-Suq Ewropew għall-Materja Prima Sekondarja; il-Vjeġġi ta' Skart)

59. JILQA' r-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar il-Vjeġġi tal-Iskart tal-UE⁴⁵ għal aktar regolazzjoni ta' vjeġġi tal-iskart, speċjalment l-esportazzjoni ta' skart lejn pajjiżi terzi li tista' tkun ta' ħsara għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem fil-pajjiżi destinatari, kif ukoll biex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-vjeġġi u jissaħħaħ l-infurzar kontra l-vjeġġi illegali ta' skart filwaqt li fl-istess ħin jintużaw soluzzjonijiet diġitali u skambju elettroniku ta' data biex il-proċeduri isiru aktar effettivi, mingħajr ma jiġi affettwat il-livell ta' ħarsien tal-ambjent, sabiex jiġi żgurat funzjonament aktar faċli ta' vjeġġi tal-iskart fl-UE li huwa kruċjali biex jinbena suq uniku b'saħħtu għall-materja prima sekondarja bbażat fuq standards ambjentali għolja u trasparenza;

⁴⁴ 11976/20 + ADD 1 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 667 final.

⁴⁵ Regolament 1013/2006/KE.

60. JENFASIZZA l-importanza li jissaħħa is-suq intern għal materja prima sekondarja abbażi ta' standards ambjentali, ta' sikurezza u ta' kwalità, u ta' trasparenza għolja, sabiex tittejjeb il-provvista u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima sekondarja, u b'hekk titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq ir-riżorsi primarji u tiżdied l-awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi stimulat l-użu ta' materja prima sekondarja fi prodotti ġodda; JISSOTTOLINJA f'dan il-kuntest l-importanza li jiġu żviluppati standards u ċertifikazzjoni Ewropej u promossi dawk globali dwar il-kontenut u l-kwalità tal-materja prima sekondarja għall-benefiċċju tal-katina tal-valur sħiħa u tal-użu tal-akkwist pubbliku biex tiġi stimolata d-domanda tagħhom u JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jużaw dawn l-ġhodod;
61. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' osservatorju tas-suq għal materja prima sekondarja ewlenija, bl-użu ta' pjattaforma diġitali sabiex, fost l-oħrajn, tagħti mappa tal-provvista u tad-domanda għall-materja prima sekondarja riċiklata u b'hekk tiffaċilita suq intern għall-materja prima sekondarja u tippermetti l-kooperazzjoni b'suċċess bejn in-negozji, u b'dan il-mod tippromwovi simbjożi industrijali u alleanzi industrijali;
62. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' kriterji armonizzati għat-tmiem tal-istatus ta' skart u tal-istandardizzazzjoni li jistgħu jtejjbu s-suq għall-materja prima sekondarja b'mod sinifikanti; JILQA' l-pjanijiet tal-Kummissjoni li tinvestiga l-iżvilupp ta' aktar kriterji għat-tmiem tal-istatus ta' skart madwar l-UE għal ċerti flussi ta' skart fejn xieraq; JINNOTA li dawn il-kriterji jenħtieġ li jkunu amministrattivament operabbli; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni testendi l-eżerċizzju ta' investigazzjoni għall-prodotti sekondarji;

63. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li kemm jista' jkun malajr fl-Istati Membri kollha, it-trattament tal-iskart isir kemm jista' jkun 'il fuq fil-ġerarkija tal-iskart u li l-iskart municiġali mhux trattat ma jibqax jintrema f'landfills, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi u JFAKKAR fl-effetti dannużi tal-landfills fuq l-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-ġhan ta' stabbiliment ta' ekonomija ċirkolari; JISĦAQ fuq l-importanza tal-ġbir separat, l-ġhażla u r-riċiklaġġ ta' kwalità ġholja u li tiġi minimizzata l-ħtieġa tal-inċinerazzjoni; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' aktar azzjonijiet immirati ġhall-prevenzjoni tar-rimi illegali tal-iskart u ġhall-immaniġġar tal-iskart b'mod ambjentalment ġhaqli; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tinbena u titħaddem infrastruttura rilevanti b'tali mod li l-effetti ta' ġsara fuq is-saħħa, l-ambjent u t-tibdil fil-klima jiġu mminimizzati;

L-Ekonomija Ċirkolari u t-Teknoloġiji Diġitali

64. JISSOTTOLINJA li d-diġitalizzazzjoni hija kruċjali biex l-ekonomija ċirkolari taħdem, billi żżid l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u fiż-żamma tal-valur tul il-ktajjen tal-valur, pereżempju billi tippermetti l-fluss ta' informazzjoni dwar il-prodott, u b'hekk toħloq it-trasparenza u l-fiduċja ġhan-negożji, ir-regolaturi u l-konsumaturi filwaqt li tiżgura livell ġholi ta' sigurtà tad-data; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar passaporti diġitali tal-prodotti li jippermettu t-traċċar u r-rintraċċar tal-prodotti u li jkun fihom informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar l-oriġini, il-kompożizzjoni inkluż il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib, il-kontenut tal-materja prima kritika, il-kontenut ta' materjal riċiklat, il-possibilitajiet jew l-istruzzjonijiet ġhall-użu mill-ġdid, it-tiswija u l-ġbir mar-rimi, iż-żarmar u l-immaniġġar bħala skart; JISĦAQ fuq l-opportunitajiet tat-teknoloġiji diġitali ġhal immaniġġar tal-iskart aktar effiċjenti, mill-ġbir, l-ġhażla, l-irkupru u t-trattament tal-iskart sal-ippjanar aħjar tal-kapaċitajiet ta' riċiklaġġ;

65. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, tistabbilixxi Spazju Ewropew tad-Data għall-Applikazzjonijiet Ċirkolari Intelliġenti b'data dwar ktajjen ta' valur u informazzjoni dwar il-prodott; JITLOB lill-Kummissjoni tevalwa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, liema bażijiet tad-data eżistenti u data miġbura skont strumenti leġiżlattivi jistgħu jintużaw bħala l-punt tat-tluq għall-passaporti tal-prodotti diġitali; JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' standards u protokollu għall-kondiviżjoni tad-data sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà u s-sikurezza tal-użu tad-data;
66. JIKKONFERMA l-ħtieġa li titnaqqas l-impronta tal-karbonju, tal-enerġija u tal-materjal tal-ICT, it-teknoloġiji diġitali, is-soluzzjonijiet b'bażi diġitali u servizzi relatati; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tistabbilixxi jew taġġusta r-rekwiżiti eżistenti tal-ekodisinn għas-sistemi tal-ICT u l-apparat elettroniku u tal-elettriku sabiex jiżdiedu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, id-durabbiltà, it-tiswija u r-riċiklaġġ, u jiġu ffaċilitati ż-żarmar u l-estrazzjoni għall-użu mill-ġdid ta' komponenti u sustanzi mhux perikolużi, b'attenzjoni partikolari fuq materja prima kritika;
67. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-partijiet kkonċernati rilevanti biex jinkludu l-għażliet kollha għal diġitalizzazzjoni sostenibbli fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tas-CEAP; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jimmobilizzaw l-investment pubbliku u privat, inkluż permezz ta' pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, li jappoġġaw il-kisba ta' newtralità klimatika u ekonomija ċirkolari anki permezz tal-kontribut tas-settur tal-ICT;

L-Abilitazzjoni, il-Promozzjoni u l-Integrazzjoni ta' Ċirkolarità fis-Suq Uniku

(Suq Uniku li Jiffunzjona Tajjeb)

68. JENFASIZZA li Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb huwa kruċjali għas-suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, billi joħloq massa kritika għal spinta lill-produzzjoni u l-konsum innovattivi u sostenibbli;

69. JENFASIZZA l-ħtieġa għal qafas ċar u konsistenti ta' għodod effettivi regolatorji u mhumiex, b'mod partikolari l-armonizzazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku biex tissaħħaħ il-kompetittività ta' mudelli sostenibbli u ċirkolari, u biex tinħoloq fiduċja u stabbiltà għall-partijiet ikkonċernati; JIRRIMARKA f'dan il-kuntest il-ħtieġa għall-promozzjoni tal-investiment u l-istrumenti ekonomiċi importanti ta' ingranaġ li jistgħu jipprovdu biex jinċentivaw il-kompetittività tal-mudelli ta' negozju ċirkolari;
70. JISĦAQ fuq il-kwistjoni ta' asimmetrija li ser ikun hemm fis-suq uniku kkawżata mill-preżenza simultanja ta' prodotti lineari (immanifatturati bl-irħis, mingħajr restrizzjonijiet ambjentali) u prodotti ċirkolari (immanifatturati skont il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari) – partikolarment minħabba żieda fil-kummerċ online tal-prodotti –; għalhekk JISSOTTOLINJA r-rwol ta' sorveljanza effettiva tas-suq mal-UE kollha msejsa fuq ir-Regolament il-ġdid dwar is-Sorveljanza tas-Suq⁴⁶ u l-infurzar mhux biss għall-benefiċċju tal-konsumaturi iżda wkoll biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji;
71. JENFASIZZA l-importanza ta' qafas regolatorju ċar u konsistenti biex jidderieġi kemm l-investiment pubbliku kif ukoll dak privat lejn intraprenditorija u infrastruttura ċirkolari innovattivi, sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn UE newtrali għall-klima sal-2050; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-aġenda tal-finanzi sostenibbli u speċjalment it-Tassonomija tal-UE li ser jiggwidaw l-identifikazzjoni ta' attivitajiet li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; għalhekk JENFASIZZA l-potenzjal tal-finanzjament ta' Next Generation EU u tal-QFP li jimmobilizzaw kapital privat b'appoġġ għal investiment fi Prattiki ċirkolari u JAPPELLA lill-Istati Membri kollha biex jużaw il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom biex jagħtu spinta lill-investiment ċirkolari; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kriterji ċirkolari fil-kuntest tar-Regolament dwar it-Tassonomija⁴⁷ u żvelar adatt fil-kuntest tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju⁴⁸ filwaqt li tiżgura koerenza bejn it-tnejn;

⁴⁶ Regolament 2019/1020/UE.

⁴⁷ Regolament 2020/852/UE.

⁴⁸ Direttiva 2014/95/UE.

72. JENFASIZZA li t-tnaqqis u t-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent huma komponenti ewlenin tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;
73. JAGĦRAF il-funzjoni komplementarja tal-pakketti ta' stimolu nazzjonali għall-bidu mill-ġdid u t-trasformazzjoni tal-ekonomiji tagħna lejn iċ-ċirkolarità u JAPPREZZA l-attenzjoni speċjali reċenti li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi skont il-proċess tas-Semestru Ewropew taw lill-gwida ta' dawn l-azzjonijiet; JINNOTA li l-allokkazzjoni effettiva tal-finanzjament tista' tiġi appoġġata permezz ta' taġħlim bejn il-pari, servizzi ta' konsulenza u pariri tekniċi;

(Riċerka, Informazzjoni, Edukazzjoni u Taħriġ u Responsabbilizzazzjoni tas-Soċjetà Ċivili)

74. JISSOTTOLINJA li r-riċerka, l-innovazzjoni, l-informazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kooperazzjoni man-negozju u l-industrija huma essenzjali għal tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, partikolarment għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku inġenerali, ta' dawk li jfasslu l-politika u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra sabiex permezz taġħhom ikunu jistgħu jaqdu rwol sħiħ fil-mixja lejn stili ta' ħajja u mudelli ta' konsum aktar sostenibbli;
75. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jittieħed kont tad-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari billi jitqies il-bżonn tal-iżvilupp tal-ħiliet (it-taħriġ mil-ġdid u t-titjib tal-ħiliet), tat-tagħlim tul il-ħajja, tal-adattament u l-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bidla fl-imġiba u l-bżonn ta' tranżizzjoni soċjalment inklużiva u ġusta kif ukoll għall-isfidi speċifiċi ta' gruppi soċjali speċifiċi u tal-Istati Membri u tar-reġjuni; JENFASIZZA l-importanza tal-"Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa"⁴⁹ fil-kuntest ta' irkupru ċirkolari u ekoloġiku u tranżizzjoni diġitali;

⁴⁹ 9349/20 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 274 final.

76. JENFASIZZA r-rwol importanti u l-potenzjal li l-ibliet u r-reġjuni għandhom għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari li tissottolinja l-importanza ta' approċċi lokali, u JINNOTA l-potenzjal sinifikanti tal-finanzjament tan-Next Generation EU u tal-Politika ta' Koeżjoni fl-appoġġ ta' inizjattivi ċirkolari urbani u reġjonali u fil-ħolqien tal-impjiegi lokali;
77. JENFASIZZA li l-finanzjament iddedikat għar-riċerka u l-innovazzjoni skont il-Programm propost ta' Orizzont Ewropa għall-2021-2027 jista' jikkontribwixxi biex ikompli jiżviluppa l-pożizzjoni fuq quddiem li l-Ewropa għandha f'teknoloġiji sostenibbli u ċirkolari u f'mudelli ta' negozju ċirkolari innovattivi;
78. JAGĦRAF l-isfidi importanti għall-SMEs u l-ħtieġa għal appoġġ tal-bini tal-kapaċità fl-SMEs billi jintużaw networks eżistenti bħaċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien dwar l-Effiċjenza fir-Riżorsi (EREK) jew in-Network Enterprise Europe (EEN) u JENFASIZZA l-importanza ta' raggruppamenti li jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet, u tal-użu u l-isfruttament ta' innovazzjonijiet ċirkolari, teknoloġiji ġodda u simbjożi industrijali mill-SMEs; JENFASIZZA li ċ-ċentri ta' kompetenza u l-infrastruttura tal-innovazzjoni li għalihom l-imprendituri għandhom l-akbar aċċess possibbli u fejn ser ikunu jistgħu jiksbu ħliet dwar id-disinn ekoloġiku u l-ġestjoni tan-negozju ekoloġiku għandhom rwol importanti fil-kisba ta' ekonomija ċirkolari;
79. JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta l-potenzjal tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Ekonomija Ċirkolari, li titmexxa b'mod konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u ta' pjattaformi oħra eżistenti fl-Istati Membri;
80. JINNOTA l-multiplikazzjoni ta' inizjattivi sostenibbli, partikolarment fis-settur tal-ilbies, fosthom dawk mis-soċjetà ċivili, u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jakkumpanjaw u jinkoraġġixxu din it-tendenza;

It-Tmexxija tal-Isforzi fuq Livell Globali

81. JAPPOĠĠA l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi l-bidla globali lejn ekonomija ċirkolari anke bit-tishiĥ tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dan ir-rigward;
82. JENFASIZZA s-sejbiet tal-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi fir-rigward tal-użu ta' riżorsi globali u l-impatt tal-estrazzjoni u l-ipproċessar tar-riżorsi materjali, JISTIENEN lill-Kummissjoni tesplora l-fattibbiltà ta' definizzjoni ta' "Spazju Operattiv Sikur" għall-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali u tniedi konverżazzjoni globali dwar il-governanza tar-riżorsi naturali u l-għażliet għal titjib tas-sitwazzjoni attwali, inkluż permezz ta' ftehim internazzjonali;
83. JILQA' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tiffaċilita d-djalogi bilaterali u multilaterali u tintegra l-ekonomija ċirkolari fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles, fi strumenti ta' finanzjament tal-politika estera tal-UE u fil-ħolqien ta' fehim u appoġġ għall-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari madwar id-dinja pereżempju permezz tal-Missjonijiet għall-Ekonomija Ċirkolari; JISTIENEN lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ikomplu jikkooperaw fil-fora rilevanti kollha, fosthom l-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Assemblea tan-NU għall-Ambjent; f'dan il-kuntest JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni li tniedi "Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza tar-Riżorsi - Għal Tranżizzjonijiet Ġusti" fil-ħames laqgħa tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent (UNEA-5);
84. JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jintlaħaq ftehim globali dwar il-plastik biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-plastik, inkluż l-iskart tal-plastik, fuq l-ambjent u JIEĦU L-IMPENN li jaħdem lejn tali ftehim globali speċjalment bil-ħsieb li jitnaqqas l-iskart tal-plastik fil-baħar u l-mikroplastiċi u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex sadanittant ikomplu jieħdu azzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali;

85. JISĦAQ fuq l-importanza tal-proċess skont l-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM) għal deċiżjoni ta' qafas b'saħħtu għall-ġestjoni għaqlija tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart wara l-2020 fil-laqgħa li jmiss tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi (ICCM);
86. JAPPOĠĠA l-miżuri internazzjonali ambizzjużi fl-oqsma politiċi kollha rilevanti sabiex titħaffef it-tranżizzjoni globali lejn ekonomija ċirkolari, bħall-ġestjoni tal-iskart, il-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi, u l-ġlieda kontra l-vjeġġi illegali tal-iskart u tas-sustanzi kimiċi fi ftehimiet ambjentali multilaterali bħall-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-kontroll tal-movimenti li jaqsmu l-fruntieri tal-iskart ta' riskju u l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali;

II-Monitoraġġ tal-Progress Lejn iċ-Ċirkolarità

87. JENFASIZZA l-importanza ta' qafas ta' monitoraġġ effettiv (inkluż l-użu ta' infrastruttura spazjali bħal Copernicus u Galileo/EGNOS) għall-valutazzjoni tal-progress lejn ekonomija ċirkolari sikura u sostenibbli, newtrali għall-klima, li tirrispetta l-bijodiversità u li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;
88. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-monitoraġġ tat-tranżizzjoni u taġġorna l-Qafas ta' Monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari u JINNOTA l-kontribut siewi tal-Proċess ta' Bellagio f'dan ir-rigward; JISSOTTOLINJA, madankollu, l-importanza li jiġu evitati piżijiet amministrattivi u ekonomiċi bla bżonn u li jintużaw b'mod effettiv is-sistemi eżistenti ta' statistika u monitoraġġ;
89. IFAKKAR fil-ħtieġa li l-indikaturi jkomplu jitjiebu, jew jitqies l-iżvilupp ta' oħrajn ġodda, sabiex, ma' tul il-katina tal-valur kollha, ikopru aħjar iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u servizzi, u l-użu ta' mudelli ta' negozju ġodda u ċirkolari u ta' approċċi għall-ġestjoni tal-konsum tar-riżorsi; f'dan ir-rigward JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tesplora kif dawn l-indikaturi jistgħu jirrappreżentaw punt ta' riferiment għal objettiv indikattiv tal-UE għall-ekonomija ċirkolari;

90. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex jikkooperaw fl-identifikazzjoni ta' metriċi innovattivi għall-valutazzjoni aħjar taċ-ċirkolarità billi japprofittaw mid-diġitalizzazzjoni, b'rispett sħiħ tal-kuntesti soċjoekonomiċi tal-Istati Membri; JENFASIZZA l-benefiċċji tal-allinjament tal-qafas aġġornat ma' strumenti u inizjattivi oħra eżistenti ta' sostenibbiltà bil-ħsieb li jiġu implimentati bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
